# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru  80**

**Citaz.  numru:  871/94 NA**

**Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon, bhala rappresentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta' Il-Palma Agricultural Supplies Co. Ltd.**

**vs**

**Joseph Ellul Sullivan sive Joseph Mary Sullivan sive Joseph E. Sullivan, u John Ellul Sullivan sive John E. Sullivan, bhala diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited, agenti f'Malta tas-socjeta' estera "Carretta and Tavoni International srl."**
**u**
**Godwin Abela, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

B'citazzjoni prezentata fit-13 ta' Gunju, 1994, l-attur nomine premetta li:-

Is-socjeta' il-Palma Agricultural Supplies Ltd. importat mill-Italja zewg pallets kontenenti electric water pumps u parts li gew trasportati lejn Malta mis-socjeta' estera Carretta and Taroni International Srl fuq il-bastiment NORASIA MELITA (Dok. 1 sa Dok. 3);

Il-bastiment wasal Malta fil-5 ta' Novembru, 1993, (Dok. 4), u meta l-importatur mar jirtira l-merkanzija, huwa sab li minn wiehed mill-palllets kienu naqsu hames mitt metru (500m) electric cable, kif jirrizulta mis-Schedule tal-Information From tal-Institute of London Underwriters (Dok. 5);

Illi ghan-nuqqas li garrab l-importatur, is-socjeta' assikuratrici attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' mitejn hamsa u disghin lira u tmenin centezmu (Lm295.80) li minnhom hamsa u tletin lira (Lm35.00) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok. 6);

Illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit (Dok. 7 u 8).

TALAB li:-

1. tiddikjara responsabbli lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghan-nuqqas fuq indikat; u

2. tikkundannahom, jew min minnhom, li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' mitejn hamsa u disghin lira tmenin centezmu (Lm295.80) li minnhom hamsa u tletin lira (Lm35.00) kienu survey fees, in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes, kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata fil-25 ta' Ottubru, 1994, il-konvenut Godwin Abela nomine eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. ikkonsenjat il-merkanzija 'de quo' fl-istess stat li rcievitha u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi.

2. Illi fit-tieni lok ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li dar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukol ic-cheque li bih sar il-pagament.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi pruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' mitejn u sittin lira u tmenin centezmu (Lm260.80) bhala allegati danni.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda interessi dovuti u dan stante li si tratta dwar azzjoni ta' danni li ghad irid jigu likwidati u pruvati fil-kawza nnifsa u di piu' l-ebda ammont qatt ma giet kkwotat lill-konvenuti qabel l-ippresentata ta' din ic-citazzjoni.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees huma ghal kollox esagerati stante li l-

ammont ta' hamsa u tletin lira (Lm35.00) bhala survey fees saru mis-socjeta' attrici proprio u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta' l-istess.

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ebda interessi huma dovuti stante li s-socjeta' attrici allegatament hallset a bazi tal-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu' m'hemm ebda surroga ghar-rigward l-istess interessi u s-surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma.

7. Illi fis-seba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandha tigi esebita wkoll il-Bill of Lading bil-kundizzjonijiet kollha deskritti fuq l-istess Bill of Lading.

8. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra l-attur.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata fit-28 ta' Ottubru, 1994, il-konvenuti Joseph Ellul Sullivan et nomine eccepew li:-

1. Illi preliminarjament peress li s-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited mhijiex u qatt ma kienet l-agenti f'Malta tas-socjeta' estera D. Tripcovich s.r.l., l-eccipjenti et nomine ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur nomine, inoltre lanqas hemm relazzjoni guridika bejn l-attur nomine u s-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited, u ghalhekk l-istess eccipjenti et nomine ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma insostenibbli stante li mhuwiex car la mill-okkju u lanqas mill-premessi tac-citazzjoni jekk l-attur nomine qed jippretendi l-hlas ghall-allegat nuqqas mis-socjeta' Sullivan Shiping Agencies Limited jew mill-agenti tas-socjeta' estera D. Tripcovich s.r.l. jew mit-tnejn.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur nomine

stante li l-eccipjenti et nomine mhumiex responsabbli ghall-allegat nuqqas u m'ghandhom jaghtu l-ebda ammont lill-attur nomine.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-alklegati survey fees ammontanti ghal hamsa u tletin lira (Lm35.00) ma jistghux jigu pretizi stante li mhumiex danni ta' l-assigurat.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta' digriet tal-11 ta' Novembru, 1994, giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Illi b'rikors prezentat fis-6 ta' Dicembru, 1996, l-attur nomine talab korrezzjoni fic-citazzjoni u fl-atti l-ohra tal-kawza billi fl-okkju jithassar l-isem 'D. Tripcovich srl' u jigi sostitwit bl-isem 'Carretta and Tavoni International srl'.

Illi b'digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996. din it-talba giet milqugha u konsegwentement giet awtorizzata l-korrezzjoni kif

mitluba.  L-atti kif korretti kellhom jigu notifikati mill-gdid skond il-ligi a spejjes tal-atturi.

Illi b'rikors prezentat fil-11 ta' April, 1997, il-konvenuti Joseph Ellul Sullivan et nomine talbu r-revoka contrario imperio tad-digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996.

Illi b'digriet tat-23 ta' Gunju, 1997, il-Qorti cahdet ir-rikors tal-konvenuti et nomine tal-11 ta' April, 1997, u kkonfermat id-digriet tas-6 ta' Dicembru, 1996.

Illi permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata mill-konvenuti et noe et dawn eccepew is-segwenti:-

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ga' ppresentati mill-eccipjent, l-azzjoni attrici fil-konfront ta' l-eccipjent agenti f'Malta tas-socjeta' estera Carretta and Tavoni International srl, kif indikata fl-okkju tac-citazzjoni attrici in segwitu ghall-korrezzjoni (mitluba mis-socjeta' attrici u) awtorizzata b'digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996, hija azzjoni preskritta u dekaduta a tenur rispettivament ta' l-artikoli 544 (e) u 541 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) cioe' preskrizzjoni ossia dekadenza ta' sena mill-

wasla tal-bastiment, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-imsemmija dekadenza l-istess azzjoni attrici hija in ogni caso preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16) cioe' preskrizzjoni ta' sentejn mill-allegati danni, peress ghaddew aktar minn tlett (3) snin bejn [a] id-digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996 u [b] kemm il-wasla f'Malta tal-bastiment fil-5 ta' Novembru, 1993, u kif ukoll ir-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni lill-assigurat tas-socjeta' attrici fit-8 ta' Novembru, 1993. F'dan ir-rigward huwa relevanti wkoll il-fatt li fl-imsemmi digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996, il-Qorti ordnat li l-atti kif korretti "jigu nnotifikati mill-gdid skond il-ligi …"

TRATTAZZJONI

Skond il-konvenut Joseph Ellul Sullivan et noe il-korrezzjoni ordnata mill-Qorti fid-digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996, teffetwa s-sustanza tal-azzjoni attrici ghaliex b'tali korrezzjoni giet mibdula l-persuna tal-konvenut John Ellul Sullivan. Originarjament huwa gie citat bhala agent ta' kumpanija li hu effettivament qatt ma kien jirrapprezenta u imbaghad in segwitu ghall-korrezzjoni ordnata permez tad-digriet tal-10 ta' Dicembru, 1996, gie citat bhala r-rapprezentant ta' ditta li

effettivament jirrapprezenta u cioe' Carretta and Tavone International srl. Il-konvenut Joseph Ellul Sullivan et noe gie notifikat mill-gdid bic-citazzjoni kif korretta u ghalhekk eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 544 (e) u 541 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) u cioe' l-preskrizzjoni jew ahjar skadenza ta' sena mid-data tal-wasla tal-bastiment. Huwa eccepixxa l-preskrizzjoni wkoll taht l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u cioe' l-preskrizzjoni ta' sentejn. In vista tal-fatt li l-bastiment in kwistjoni wasal Malta fil-5 ta' Novembru, 1993, u l-korrezzjoni u s-sussegwenti notifika mill-gdid giet ordnata fl-10 ta' Dicembru, 1996, u cioe' cirka minn tlett snin wara l-wasla tal-bastiment, l-azzjoni attrici hija preskritta sija ai termini tal-Artikolu 544 (e) tal-Kap. 13 kif ukoll ghall-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

L-attur nomine min-naha l-ohra jsostni li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija insostenibbli stante li l-korrezzjoni in kwistjoni ma teffetwax il-pern tal-azzjoni attrici ghaliex kieku l-Qorti ma kienitx tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni. Huwa jghid li bil-korrezzjoni ma nbidilx il-konvenut izda saret biss il-korrezzjoni tar-rappresentanza estera tal-istess konvenut. L-assikurati tal-attur nomine li huwa surrogat fid-drittijiet taghhom, dejjem trattaw mas-socjeta' Sullivan Shipping

Agencies Limited. In-'notice of arrival' in effetti hareg minn Sullivan Shipping Agencies limited.

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Illi jirrizulta mill-okkju tac-citazzjoni odjerna li l-kawza giet intavolata kontra s-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited fil-kwalita' taghha ta' agent tas-socjeta' estera D. Trapovich srl u ghalhekk l-azzjoni attrici hija diretta lejn il-principal esteru kif rappresentata hawn Malta minn Sullivan Shipping Agencies Limited u mhux kontra l-istess Sullivan Shipping Agencies Limited.

Illi l-korrezzjoni ordnata mill-Qorti hija fis-sens li l-principal esteru tas-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited gie mibdul minn D. Trapovich srl ghall-Carretta and Tavoni International srl u cioe' jidher car li saret sostituzzjoni tal-principal esteru tas-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited. In vista tal-fatt li l-azzjoni attrici hija diretta proprju lejn il-principal esteru tas-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited, il-korrezzjoni in kwistjoni effettivament issostitwiet il-persuna guridika li kontra taghha hija diretta l-azzjoni attrici.

Illi infatti l-konvenut Joseph Ellul Sullivan noe mill-ewwel ta' l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika mal-attur nomine minghajr ma specifika r-raguni li ghaliha kien qed jaghti din l-eccezzjoni.

Illi kieku l-attur nomine ghamel ir-ricerka tieghu malli inghatat din l-eccezzjoni u talab il-korrezzjoni necessarja f'dan l-azzjoni, il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ma kienitx tinqala'.

Illi fil-fehma tal-Qorti il-korrezzjoni in kwistjoni teffetwa s-sustanza tal-azzjoni attrici fis-sens illi qed tintalab is-sostituzzjoni tas-socjeta' li kontriha qed issir il-kawza b'socjeta' ohra kompletament differenti u ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Ellul Sullivan nomine tirrizulta fondata.

Illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik stabbilita taht l-Artikoli 544 (e) u 541 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' dik ta' sena mill-wasla tal-bastiment f'Malta u dwar dan hemm anki qbil da parti tal-attur nomine (vide t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tal-attur nomine a fol. 116).

Dawn il-konkluzzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Joseph Ellul Sullivan nomine u ghalhekk fir-rigward ta' din is-socjeta' konvenuta tiddikjara t-talbiet attrici preskritta u ghalhekk insostenibbli bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.